Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,948, 25 ta' Ottubru, 2022

Taqsima B

A.L. 269 tal-2022

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru responsabbli għall-gvern lokali, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 441.04.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda l-Iskeda A li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-kondizzjoni ġenerali 1 tal-Iskeda A li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "il-ħinijiet tal-ġranet tax-xogħol tal-uffiċċju." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-ħinijiet tal-ġranet tax-xogħol tal-uffiċċju:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda liċenza, permess jew awtorizzazzjoni tista' tinħareġ mill-Kunsill Lokali anke jekk l-applikazzjoni tasal għand il-Kunsill Lokali f'inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel l-attività u kontra l-ħlas tad-drittijiet stabbiliti fl-Iskeda B.".

Jemenda l-Iskeda B li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-partita 12 tal-Iskeda B li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

> "13. Għal kull liċenza, permess jew awtorizzazzjoni biex tinħareġ, meta applikazzjoni tiġi ppreżentata lill-Kunsill Lokali f'inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel l-attività, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' tletin euro (€30).".